# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Pulizija

(Spettur Charlotte Curmi)

Vs

Michela Vassallo

Illum 25 ta' Novembru, 2024

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijet fil-konfront ta' Michela Vassallo Bint Jason u Mary Anne nee Camilleri imwielda fis-17/2/2000, ID 066800L u toqghod 6, Our Lady of Fatima, Vjal il-Bon Pastur Balzan.

Billi int akkuzat talli fl-1 ta` Marzu, 2022 ghall-habta ta' 23.45 hrs fit-Triq Wied il-Ghajn, Zabbar soqt vettura b'numru ta' registrazzjoni DCP163;

U aktar b`nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni, jew b`nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b`nuqqas ta` tharis ta` regolamenti, involontarjament ikkagunajt hruqjew ghamilt xi hsara jew hassart xi

haga minhabbaf`hekk PC835 Christian Agius baghta offiza gravi fuq il-persuna minghajr il-konsegwenzi msemmijin fl-Artikolu 218 tal-Kpaitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta skond kif iccertifika Dr. David Barbara MD mill-MDH,

U aktar talli waqt li kont qed issuq vettura bil-mutur inqast li tieqaf f`post fejn hemm sinjal tat-traffiku li jindika STOP.

**Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.**

**Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi il-piena skont il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzja tas-sewqan hekk kif stability mill-L.S. 65.18 Art 36B u fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda**

Rat Artikolu 226(1)(b) tal-Kap 9 L.S. 65.05 Art 2(11E(a)(2)) u L.S. 65.18 Art 36B U fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta

Semghet ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Semhed l-imputat u x-xhieda taghha.

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta.

Semghet it-trattazjoni.

**Ikkunsidrat**

**Spettur Elisa Scicluna,** xehdet hekk:

Xhud: Iva nahlef, Sinjura dak in-nhar l-1 ta` Marzu 2023 ghall-habta tal-11.00 il-11.30 waqt li kont xoghol night watch gewwa Wied l-Ghajn l-Ghassa Haz-Zabbar giet infurmata permezz ta` telefonata illi kien hemm bieb geww Wied il-Ghajn li kien jidher miftuh li kien hemm suspett illi kien gie sgassat jew hemm xi tip ta` crime li sehh hemmekk jiena flimkien ma PC 835 PC 2292 u,

Qorti: Igifieri inti ma kontx involuta fl-investigazzjonijiet inti xhud xhud int?

Xhud: Jiena xhud parti fil-vittma wahda mil-vittma, ma kontx parti mil-investigazzjoniji le, kif semmejt jiena flimkien ma PC 835 PC 2292 u PC 1304 tlaqna mil-Ghassa Haz-Zabbar ghax dak il-hin x`hin dahhlet it-telefonata konnha l-Ghassa Haz-Zabbar u tlaqna bil-karozza tas-servizz bin-numru tar-registrazzjoni GVP 764 u konnha nezlin bil-cruise light ghax minhabba il-hin li kien, kien fil-ghaxija ma xeghlniex is-serena u konnha bil-cruise light konnha nezlin minn triq Wied i-Ghajn Haz-Zabbar direzzjoni lejn Wied il-Ghajn x`hin wasalna kantuniera ma triq A. Caligari konnnha nezlin u nnutajna dil-vettura li harget hemmekk hem Stop jiena kont passiggiera fuq quddiem in-naha tax-xellug PC 2292 u PC 1304 kienu fuq wara u x-xufier kien 835 giet innutata dil-vettura bajda hierga minn fuq Stop minn triq A.Caligari fejn x-xufieripprova jevitaha billi kiser lejn in-naha tax-xellug izda xorta sar l-impatt. L-impatt sar minn,

Qorti: Igifieri din kienet T-Junction?

Xhud: Mela triq Wied il-Ghajn li hija main road triq dritta main road u triq A.Caligari ghandha l-exit taghha minn naha tax-xellug ghall-go triq Wied i-Ghajn.

Qorti: Igifieri tigi forma ta` T apparti kien x hemm Stop Sign jew le forma ta` T u intom kontu ghaddejin mill-parti ta` fuq?

Xhud: Hemm parti dritta u hi harget biex titla minn fejn konnha gejjin ahna.

Qorti: Igifieri hi kienet ghaddejja immagina ghandek ittra T hi kienet hierga mit-triq wieqfa u intom kontu ghaddejin mil-parti ta` fuq ta` ittra T hux hekk? T-Junction biex nifthemu?

Xhud: Mela sinjura din ghandek main road mela din hi triq dritta issa fuq in-naha tax-xellug ta` din il-main road igifieri din hemm triq A.Caligari u hi hierga, fejn sar l-impatt bejn iz-zewg karozzi in-naha ta` quddiem in-naha tal-lemin tal-karozza tas-servizz man-naha tax-xellug tal-karozza tal-Peugeot.

Qorti: Ghaliex qed tghidilha main road?

Xhud: Ghax hi main road sinjura  hafna side streets jidhlu ghall-din it-triq u hija wahda miz-zewg main roads li tista tmur ghall-Wied il-Ghajn, u kif qed nghid l-impatt sar lejn in-naha ta` quddiem in-naha tal-lemin tal-karozza tas-servizz

man-naha tal-lemin tal-karozza bajda tal-Peugeot x`hin rajna li dak il-hin ma hassejtx ugiegh jien dak il-hin inzilt mil-vettura u xeghlna il-bodycam mal-ewwel mort biex inkellem ix-xufier tal-vettura involuta li giet umbaghad identifikata bhala DCP 163 Peugeot bajda.

Qorti: Inti qed taraf ix-xufier jekk jogghbok?

Xhud: Iwa sinjura qed narafha hawnekk fl-awla.

Qoeri: Ix-xhud qed tindika lil imputata.

Xhud: Jiena mort nghidilha int ok? qaltli sorry sorry ma nafx x`gara bqajt hierga ghedtilha int weggajt? Qaltli aqqas naf bhalissa ghedtilha ikkalma ha jigu il-pulizija ghax ovvjament jien ma stajtx ninvestiga ghedtilha umbaghad naraw ghedtilha pero ghedtilha ghandek bzonn assistenza tat-tabib u filfatt giet maghjta l-ambulanza biex assistenza medika kemm lilha kif ukoll lil 4 pulizija li umbaghad jien ezempju umbaghad ftit tal-hin wara x`hin qisgha tinzel l-adrenalina hassejt xi ugiegh f`dahri u gejt invistata gewwa Mater Dei fejn ic-certifikat inhareg ta` natura hfief, il-footage ahna tlabna ghalih pero il-bodycam jekk filkaz jintaghlab,

Qorti: Xi hadd li taf il-xi hadd li kien mwegga b`mod garvi f`dan l-incident?

Xhud: Jien li naf jien ic-certifikat ma nistax nghidlek x`hareg jew le pero naf li x-xufier kien gahmel ammont twil barra,

Qorti: Ix-xufier x`jismu?

Xhud: PC 835 Christian kien kiser idu mhux ha nidhol fl-ispecifiku sinjura biex ma nizbaljax, minn naha dak kollox minn naha tieghi dak sinjura fl-investigazzjoni tkompliet mis-surgent li ha hsieb ir-rapport.

Pros: L-impatt meta gara l-impatt kif sehh, sehh bil-mod tista tispjega kif sehh jew kif rajtu il-vettura l-ohra kif kienet gejja fuqkom?

Xhud: Mela ahna konnha nezlin kif spjegajt mil-main road dritta u innutajna li minn din it-triq kienet hierga il-karozza l-bajda.

Pros: B`liema mod harget?

Xhud: Hi harget kompliet hierga dritt biex tikser qisgha l-Wied lejn fuq qisgha bex iddur u ssuq id-direzzjoni fejn konnha gejjin ahna, ahna konnha nezlin lejn Wied il-Ghajn hi harget ghall-triq Wied il-Ghajn Haz-Zabbar x`hin harget innutajna li harget arhemm arhemm ix-xufier ipprova jevitaha u kiser f`daqqa in-naha tax-xellug l-impatt meta sar bil-mod kif spjegajt ahna il-karozza tas-servizz mal-impatt iccaqalqet u waqfet umbaghad kwazi go triq Caligari kellna diversi hsarat fil-karozza il-Peugeot il-bajda daret qisgha dritta thares lejn Haz-Zabbar mal-impatt.

Avu: Sewwa mela naqblu li il-kolluzzjoni sehhet kif hawn f`dan ir-ritratt li ha jigu ezebit?

Xhud: Kif qed nispjega, iva sinjura.

Qorti: Mela DOK JS.

Avu: Naqblu ukoll li intkom bil-vettura spiccajtu fuq l-Istop Sign kif hawn dar-ritratt?

Xhud: Sinjura kif hemm ukoll f`dak ir-ritratt naqbel illi l-vettura spiccat fuq Stop Sign pero kif spjegajt huwa konsegwenza talli ix-xufier ipprova jevita il-vettura likienet harget ghall-gol-main road.

Avu: Naqblu li l-konfigurazzjoni tat-triq hija din?

Xhud: Kif spjegajt iwa dik it-triq id-dritta hija il-main road kif spjegajt.

Qorti: Ha jezebixxi DOK JS2 u ra taqbilx jekk hija dik it-triq il-konfigurazzjoni tat-triq?

Xhud: Mela sinjura ha naghmel vlegga minn fejn konnha gejjin, sinjura il-vlegeg indikajt tan-number plate id-direzzjoni tal-karozza tas-servizz u d-direzzjoni tal-karozza tal-imputata.

Avu: Tista taghmilna ukoll sinjal fejn sehhet il-kolluzzjoni skond int?

Xhud: Iva ha naghmel X.

Qorti: Dawn ir-ritratti ittiehdu fuq il-post tal-incident?

Avu: Iva sinjura.

Qorti: U dal-hgieg ma l-art id-debrit?

Avu: Yes sinjura.

Qorti: Jiena rajt bicca hgiega hemm isfel?

Xhud: Jiena nista nikkonferma illi l-hgieg kien hemm il-fanal tan-naha tal-lemin tal-karozza tas-servizz kien tkisser igifieri mhux ha nikkonfermalek li hu, hu ghax jien l-investigazzjoni mhux jien ghamiltha imma jista jkun li kien hemm, ghamilt X fil-punt tal-impatt fejn kif spjegajt sussegwentement mal-impatt il-karozza tas-servizz marret f=dik in-naha tax-xellug u l-karozza tal-imputata daret biex giet kif spjegat fir-ritratti.

Avu: Daqsekk sinjura.

**<u>PS 1304 Christopher Seychell</u>** xehed hekk

Pros: Kont involut f`xi incident Surgent?

Xhud: Mela nhar l-1 ta` Marzu 2022 ghall-habta ta` 11.45pm jien kont gol-vettura GVP 764 li hija l-karozza ta` Haz-Zabbar fejn konnha nezlin dak iz-zmien mas-Surgent taghna Elisa Scicluna 174 konnha nezlin fuq rapport Marsascala fejn konnha nezlin mill-Bypass l-antika ta`Haz-Zabbar direzzjoni lejn Wied il-Ghajn harget karozza minn fuq Stop Sign triq A. Caligari Zabbar fejn hemmekk sar l-impatt gewwa il-Bypass ta` Haz-Zabbar ta` Wied il-Ghajn l-antika.

Pros: Tghidilna wahda number plate tal-karozza?

Xhud: Tal-karozza tas-servizz kienet GVP 764 u l-karozza l-ohra DCP 163 Peugeot 208.

Pros: Tiftakar min kien qed isuqha il-karozza l-ohra li sar l-impatt maghha?

Xhud: Kienet tfajla.

Qorti: Qed tarafha hawnekk?

Xhud: Ijja dik t`hemmekk.

Qorti: Ix-xhud indika lil imputata.

Pros: Tispjegalna wahda?

Xhud: Jien kont qieghed wara l-passiggier fuq wara u x-xufier kif din harget f`nofs tat-triq ipprova jevithaha prova jigbed lejn in-naha tax-xellug u hadha bil-fanala tan-naha tieghu u l-karozza imxiet lejn ix-xellug tat-triq.

Pros: Minn fejn kont int stajt tara l-vettura qabel ma  sar l-impatt il-vettura li dahlet fuqkom?

Xhud: Il-vettura l-ohra kienet waqfet stand still f`nofs il-lane taghna.

Qorti: Waqfet fuq l-Istop Sign xi mument?

Xhud: L-impatt ma sarx fuq l-Istop Sign l-impatt sar go nofs il-Bypass go nofs il-BYpass.

Qorti: Waqfet xi mument fuq l-Istop Sign jew baqet heirga?

Xhud: Le le baqet hierga.

Pros: X`gara wara li sar l-impatt, ha nurik jekk joghgbok ritratt 3 ritratti propja qed nurik JS2 din hija it-triq fejn sar l-impatt?

Xhud: Din fejn konnha nezlin ahna u hawn minn fejn harget hi.

Pros: Fejn tiftakar fejn sar l-impatt?

Xhud: Fin-nofs tal-lane taghna ahna u nezlin lejn Wied il-Ghajn, fejn hawn l-X.

Pros: Mela qed nurik JS1 x`tghidilna fuq dil-vettura?

Xhud: Il-karozza tas-servizz li konnha qed nuzaw dak in-nhar.

Pros: Qed nurik JS spjegalna wahda x`qed tara hemmekk?

Xhud: Il-karozza il-Peugeot kienet qed taghemel uzu minnha is-sinjura u l-karozza taghna tas-servizz.

Pros: Wara li gara l-impatt x`gara umbaghad?

Xhud: Inzilna cempilna l-ambulanza kelimna lis-sinjura kelliex bzonn xi ghajnuna fejn skuzat ruhha maghna dak il-hin u minn hemmekk.

Pros: Meta tghid skuzat ruhha maghkom x`qaltilkom?

Xhud: Sorry sorry sorry dak kien l-ewwel kliem taghha u gibnilha l-ambulanza ghall-asistenza u marret hi bl-ambulanza u

marru 2 kollegi ohra minn taghna u jiena mort umbaghad il-clinic bil-karozza tas-servizz ohra.

Pros: M`ghandix iktar mistoqsijiet.

Qorti: Kontro Ezami.

Avu: Sewwa  il-karozza l-ohra x`ghamla kienet?

Xhud: Tas-sinjura Peugeot 208 bajda.

Avu: U naqblu li is-sinjura spiccat hawnekk fejn qeghda indikat?

Xhud: Mela.

Avu: Naqblu li is-sinjura fuq il-kareggata tan-naha tax-xellug DOK JS spiccat kif qeghda fir-ritratt, igifieri allura naqblu li is-sinjura kienet ghadha fuq l-Stop Sign meta qalat l-impatt?

Xhud: Le, il-karozza kienet f`nofs il-lane tal-Bypass ta` Wied il-Ghajn.

Avu: Il-hgieg tal-fanal qieghed fuq l-Istop Sign u mhux kif qed tghid int fit-triq?

Qorti: Il-hgieg tista tghidli dak il-hgieg li jidher f`dak ir-ritratt DOK JS1 dak hgieg relatat tal-incident jew le?

Xhud: Hawnekk hgiega wahda jekk tara ir-ritratt l-iehor suppost jidher hgieg ta` fejn sar l-impatt, iva hgieg tal-fanal.

Avu: Daqsekk thank you.

**<u>PC 835 Christian Agius,</u>**

Pros: Kont involut f`xi incident?

Xhud: Nhar il-1 ta` Marzu 2022 hrigna fuq bicca xoghol il-vettura kienet GVP 642 jidhirli ghax il-karozza m`ghadiex tintuza u GVP 764 tal-ghamla Peugeot fil-karozza kont mal-kollegi tieghi PS 184 li illum il-gurnata Spettur Scicluna fil-karozza kien hemm ukoll PC 1304 li illum il-gurnata huwa Surgent u PC 2292 illum il-gurnata hija Surgent ukoll ghall-fini ta` korrezzjoni konnha sejrin fuq rapport gewwa Wied il-Ghajn konnha qegdin bil-cruise light mixghulin u konnha qeghdin fit-triq l-antika triq Wied il-Ghajn fil-main road,

Pros: Inti jekk jogghbok x`kont qed taghmel fil-karozza?

Xhud: Direzzjoni lejn Wied il-Ghajn.

Pros: Bhala passiggier jew xufier kont?

Xhud: Mela jiena kont qieghed xufier jien kont qed insuq il-vettura sewwa konnha sejrin direzzjoni minn Haz-Zabbar ghall-Wied il-Ghajn ahna u sejrin nilmah vettura li kienet hierga mit-triq A. Caligari igifieri waqt li kont ghaddej dritt fil-karregata fil-main road ninnota vettura li kienet hierga minn fuq il-left ghad-direzzjoni tieghi dak il-hin stajt ninnota ukoll li x-xufiera illi kienet qed thares id-direzzjoni opposta igifieri il-karozza hierga u x-xufiera qed thares opposta u,

Qorti: Ghall min fejn kont gej inti?

Xhud: Iva, qed thares l-isfel u hierga id-direzzjoni tieghi dak il-hin jiena ippruvajt nevita izda ghalqitli il-karregata tieghi ppruvajt nevita imma ma stajtx u fejn gara l-impatt dak il-hin hrigna mil-vettura niftakar li tiskuza ruhha tghidli tort tieghi niskuza ruhhi aktar tard wara l-incident jiena mort il-Poluclinic ghax bdejt inhoss idejja tugani irrizulta li kelli ksur fil-polz in-naha tax-xellug apparti minn hekk wara li sar il-gibs u kollox jien qbajt muguh iccekkjajt mugugh b`idi l-ohra ukoll iccekkjajt ghamilt X-Ray u sibt li kelli il-polz tan-naha tal-lemin kienet miksura ukoll essagg dak.

Pros: Mela waqt li kont qed issuq ilppersuan li kienet qed issuq qed tarafha hawnekk inti?

Xhud: Iva qed narafha.

Qorti: Ix-xhud indika lil imputata.

Pros: Mela inti ghadek kif ghedtilna li inti waqt li qed issuq ghedtilna li rajt ix-xufiera kienet qed thares in-naha l-ohra mhux id-direzzjoni tieghek?

Xhud: Ezatt.

Pros: Bl-liema mod sar l-impatt b`liema mod kienet qed issuq il-vettura?

Xhud: Mela ha nispjega ezatt, mela jien niftakar waqt li kont qieghed ghaddej minn fil-main road fit-triq Wied il-Ghajn il-vettura niftakarha cara hierga minn fuq l-Istop Sign thares id-direzzjoni l-ohra mhux lejja fejn umbaghad eventwalment gara l-impatt pero Stop Sign kien hemm u qabzitu l-Istop Sign.

Qorti: Kif sar mal-liema parti tal-vettura kont qed issuq int u l-ohra?

Xhud: Mela l-impatt kien il-vettura tieghi il-Peugeot GVP 764 kien quddiem tal-vettura tieghi ippruvajt nevita id-daqqa l-ikbar impatt kienet fuq in-naha tieghi ghax jien ippruvajt nevita u l-ikbar impatt kien fuq in-naha tieghi ippruvajt indur lejn in-naha tal-left biex nifthemu ghax peress li harget,

Qorti: Tas-secondary road tas-side road?

Xhud: Ghaliex peress li baqet hierga,

Qorti: Liema post fil-vettura hbatt mal-impatt?

Xhud: Qisu in-naha taghhom ovvjament ghax in-naha ta` fuq ix-xufier qisdu bejn quddiem il-bieba taghha ippruvajt nevitaha ma ridtx li nolqot lilha ezatt dak il-hin ma stajtx nevitaha kienet wisq vicin,

Qorti: Nofs in-naha taghha tal-karozza l-ohra?

Xhud: Iva iva, u niftakar li kienet karozza Peugeot ghax kienet bluna jekk mhux sejjer zball kienet Peugeot 208 number plate ma niftakkrux.

Pros: Nista naghmel referenza ghar-ritratti tikkonferma li dawn kif garal-impatt DOK JS DOK JS1 DOK JS2?

Xhud: Mela fuq JS iwa nikkonferma l-impatt dik hija triq li semmejt l-istess wahda u l-karozza li kellna l-impatt maghha igifieri il-karozza tas-servizz u l-karozza tal-persuna li kelli l-impatt maghha number plate il-karozza hija hi li hi li semmejt il-Peugeot 208 DCP 163 u l-karozza tas-servizz li semmejt qabel GVP 764.

pros: L-impatt kif gara?

Xhud: L-impatt gara u bhal ma semmejt l-iktar in-nahat tal-hsarat fuq in-naha tieghi minhabba li kienet hierga ippruvajt nevita imma ma rnexxiliex.

Pros: It-tieni ritratt JS1 dik hija l-vettura li sar l-impatt biha?

Xhud: Li kont qed insuq dak in-nhar il-vettura hija din u number plate jaqbel tal-vetturatal-karozza li kont qed insuq igifieri GVP 764.

Pros: U l-ahhar wahda JS2 dik hija it-triq fejn sar dik hija t-triq fejn sar l-impatt?

Xhud: Dik hija t-triq bhal m`hawn imnizzel bhal ma hawn fuq dad-dokument GVP igifieri il-vettura tas-servizz konnha sejrin direzzjoni lejn Wied il-Ghajn il-karozza l-ohra DCP 163 kienet hierga minn fuq Stop Sign igiferi kienet qabzitha sew ghax ghalqitli il-kareggata tieghi.

Pros: Tiftakar fejn sar l-impatt?

Xhud: Mela l-impatt gara bejn wiehed u iehor vicin l-Istop Sign igifieri l-impatt il-vettura taghha kienet qed taghlaq il-kareggata tieghi u l-vettura taghha kienet fil-karregata tieghi, jien afil-karregata tieghi u hi fil-karregata tieghi.

Pros: M`ghandix iktar mistoqsijiet.

Qorti: Kontro Ezami.

Avu: Igifieri qed naqblu li l-incident sehh kif hawn immarjat fir-ritratt JS1 naqblu?

Xhud: Le.

Avu: Mela fejn?>

Xhud: L-impatt sehh fil-karregata tieghi dak huwa ritratt finali fejn il-karozza waqfet.

Avu: Igifieri inti qed tghid li bid-daqqa il-karozza imxiet laterali hekk?

Qorti: Le mhux hekk qed jghidlek finalment fejn spiccat wara l-impatt.

Avu: Mela inti qed tghid il-kolluzzjoni sehhet fit-triq hawnekk naqblu mela il-Peugeot kienet qed tahres il-quddiem naqblu?

Xhud: It-tnejn Peugeot igifieri spjegali daqxejn liema Peugeot?

Avu: Ta` Vassallo biex titla l`fuq naqblu? Il-karozza kienet tielgha hekk biex titla l`fuq naqblu?

Xhud: Il-karozza taghha kienet harget minn fuq l-Istop Sign direzzjoni lejn Haz-Zabbar.

Avu: KIenet qed thares lejn il-Fuq?

Xhud: Kienet qed iddur mhux daret l-l-`fuq.

Avu: Allura il-hsarat kif qeghdin fil-genb u mhux quddiem?

Xhud: Jekk harget minn fuq Stop Sign u kienet qed iddur lejn Haz-Zabbar ghalqitli l-karregata uu.

Avu: Allura bl-impatt kif baqet daret u baqet fuq il-karregata taghha suppost kif qed tghid inti marret fuq il-karreggata l-ohra tal-lemin?

Xhud: Mela bhla ma ga fehmtek jien ippruvajt nevitaha sewwa il-karozza ghalqitli l-karregata tieghi il-karozza daret u ma l-art kien hemm l-ilma ukoll.

Avu: Ok xejn iktar.

Xhud: Nixtieq nipprezenta kopja tal-gixx X-Rays tal-ksur tal-polz.

Pros: Kemm domt inti biex fieqt kemm domt nieqes mix-xoghol inti?

Qorti: Supppos dawk gew ezebiti fix-xhieda tieghu mhux fil-Cross Examination, ma tistawx tezebihom.

**<u>PS 2292 Rosemarie Formosa,</u>** xehdet hekk

Pros: Kont involuta f`xi incident inti?

Xhud: Iva.

Pros: Spjega il-Qorti daqxejn x`gara?

Xhud: Mela nhar il-1 ta` Marzu 2022 ghall-habta tan-23.45 jiena flimkien ma 3 kollegi ohra konnha fil-vettura tas-servizz GVP 764 konnha nezlin minn Zabbar ghall-Wied il-Ghajn minn triq Wied il-Ghajn u f`hin minnhom vettura Peugeot harget minn triq minn fuq Stop Sign minn triq A. Caligari ghall-nofs il-Bypass u ix-xufier tal-vettura PC 835 prova jevita milli jkollu impatt ma din il-vettura kiser ghall-fuq ix-xellug izda l-impatt sar xorta minn hemmekk ovvjament hrigna mil-vettura avvicinajna lix-xufiera tall-vettura l-ohra bdiet tiskuza ruhha maghna umbaghad tlabna l-assistenza tal-kollegi mid-distrett.

Pros: Qed tarafha hawnekk lix-xufiera tal-karozza l-ohra?

Xhud: Hemmekk qeghda.

Qorti: Ix-xhud indikat lil imputata.

Pros: Erga spjegali fejn kont inti jekk jogghbok?

Xhud: Wara ix-xufier.

Pros: Rajtu ezatt isir l-impatt inti b`liema mod saret il-manuvra qabel sar l-impatt kif kienet qed issuq?

Xhud: Mela ahna konnha nezlin dritt il-vettura l-ohra harget mi Stop Sign fi triq A. Caligari harget fin-nofs tal-Bypass ix-xufier l-835 ipprova jevita il-habta billi gibed ghax-xellug izda sar l-impatt xorta.

Pros: U inti mort tkellimha?

Xhud: Iva bdiet tiskuza ruhha maghna u saqsejniha ghandiex bzonn xi haga jew assistenza u kollox.

Pros: Ha naghmel referenza ghal-3 ritratti jekk jogghbok qed naghmel referenza ghall-DOK JS dik kienet in-natura tal-incident hekk gara, taraf il-vettura tal-imputat il-vettura tas-servizz qed tarafhom?

Xhud: Iva qed narfahom.

Pros: Qed nurik JS 1 dik hi l-vettura tas-servizz inkwistjoni?

Xhud: Iva.

Pros: Qed nurik ritratt JS2 it-triq fejn sar l-impatt dik hi?

Xhud: Iva Ezatt A. Caligari u ahna nezlin.

Pros: Minn fejn harget il-vettura?

Xhud: Minn hawnekk fuq Stop Sign minn din in-naha harget giet fin-nofs prova jevitaha u sar l-impatt.

Pros: Ghamlilna vlegga please minn fejn harget.

Pros: Inti l-kollegi tieghek dak in-nhar kellhom konsegwenza ta` dan l-incident gara xi haga?

Xhud: Mela jiena u dak iz-zmien Surgent 174 illum Spettur konnha b`ambulanza l-isptar u x-xufier kien mar Clinic u kien mar clinic kellu xi ksur fil-polz.

Pros: U sinjura tiftakar ukoll?

Xhud: Is-sinjura marret l-isptar ukoll b`ambulanza.

Pros: M`ghandix iktar mistoqsijiet?

Avu: Ara inti spjegajt car l-incident inti attwalment rajtu dan l-incident isehh jew x`qalulek il-kollegi tieghek?

Xhud: Rajtu.

Avu: Mela naqblu ukoll li il-vettura taghkom spiccat fuq Stop Sign naqblu hawnekk hawn il-letter S tal-Istop naqblu?

Xhud: Kif hemm fir-ritratti.

Avu: Naqblu li hawnekk hawn il-hgiega tal-fanal naqblu?

Xhud: Hgiega hawn ma nafx.

Avu: Imma il-fanal kien imkisser tal-karozza?

Xhud: Li nista nghid li qed nara hgiega fir-ritratti ta xixex inhi l-hgiega ma nistax nghid.

Avu: Mela naqblu li il-kolluzzjoni sehhet hemmekk?

Xhud: Le ma naqbilx.

Avu: Ok thank you.

**<u>PS 614 Stielike Pullicino,</u>** xehed hekk

Qorti: Ha tezebixxi qed nassumi qed nassumi hsarat fil-vettura?

Xhud: Iva, jiena qed nipprezenta survey maghmul minn Gasan Mamo Insurnace Ltd mis-surveyor Jonathan Saliba.

Qorti: FUq liema vettura please?

Xhud: Surveyor gie maghmul fuq GVP 764 u l-incident gara l-1 ta` Marzu tas-sena 2022.

Pros: Jekk jogghbok tista tispjega ghalfejn imqabbad is-surveyor?

Xhud: Is-surveyor gie imqabbad minhabba il-karozza ghandha hsara li b`kollox tammonta madwar 8,000 ewro u li ghadna ma thallasniex taghha.

Pros: U tghidilna min gie imqabbad?

Xhud: Is-surveyor Jonathan Saliba.

Avu: Naqblu li dil-karozza giet right off tas-servizz?

Xhud: Il-karozza ghandha hsara ta` 8,000 ewro.

Avu: Hemm jekk hemmx right off jew le?

Xhud: Le.

Avu: Xejn iktar.

Xhud: Dawn ritratti ta` fejn gara l-incident.

Qorti: Haddthom int?

Xhud: Le le dawn hemm kopja taghhom fl-file taghna tal-pulizija, le ma haddthomx jien.

**Jonathan Saliba,**xehed hekk :

Qorti: Tahlef li tghid is-sewwa, s-sewwa kollu u xejn hlief is-sewwa hekk Alla jghinek.

Xhud: Iva nahlef,

Qorti: Inti bhala ghandek qieghed Surveyor ma Gasan?

Xhud: Jien surveyor ma Gasan Mamo.

Qorti: Mela qed nurik da id-DOK SP x`tista tjidli fuqu maghmul minnek?

Xhud: Iva din karozza rajtha jiena ghamiltilha survey hija Peugeot GVP 764.

Qorti: Kemm ghandha hsarat u danni in totali parts u labour u kollox biex nifthemu?

Xhud: Mela 8,538.56c.

Qorti: Irrizultalek beyond the economical repair jew tissewwa?

Xhud: Tissewwa, ghax il-karozza hija tat-2019 allura l-valur.

Pros: Minghand min gejt imqabbad taghmel dan is-survey?

Xhud: Minghand Gasan Mamo Insurance.

Qorti: Cross.

Avu: Naqblu li l-hsarat li gew ikonstati ghax kien hemm certu velocita fil-vettura biex hemm dal-hsarat kollha?

Xhud: Li hargu l-airbags iva huwa fatt li kien hemm velocita.

Avu: Thank you.

Qorti: L-airbogs kemm ikun il-velocita biex johorgu?

Xhud: Specifikament ma nistax nghidlek ghall-dil-mudell imma id-deceleration ikun quite qawwija biex johorgu l-airbags.

**PS 1576 Simon Grech,** kellu jixhed dwar bodycam footage imma ma kienx f'posizzjoni li jaghmel hekk

**Michela Vassallo,** xehdet hekk

Avu: Ara Ms. Vassallo spjega il-gurnata tieghek ta` dak in-nhar tal-habta?

Xhud: Bażikament kont qiegħda l-Universita ma' ħabiba tiegħi u minn hemm ridna mmorru lura lejn id-dar ħabiba tiegħi tgħix fi triq san Anard ħaż-Zabbar li hija mal-blokka ta' fejn saret il-ħabta bażikament qabel l-inċident kont ghadni kemm wasalt lill-ħabiba tiegħi dort ghall-triq A. Caligari li tagħti għad-direzzjoni lura lejn ħaż-Zabbar permezz ta' triq Wied il-għajn u hemmhekk it-triq ta` A.Caligari tinfetaħ it-triq wiesgħa bi speed bump fejn hemmhekk għaddejt u rajt dawl u rajt il-preżenza.

Avu: Issa tini cans mil-ispeed hump ghall-fejn hemm l-istop sign kemm hemm bogħod?

Xhud: Ftit metri.

Avu: Meta tgħidli ftit metri kemm?

Xhud: Nista' nurik hawnhekk.

Avu: Mela ezebiha.

Xhud: Jien għaddejt minn fuq l-ispeed bump b' dak il-ħin.

Avu: Immarkaħilha please.

Xhud: Jiena kont ġejja minn hawnhekk hawnhekk għaddejt minn fuq l-ispeedboat u osservajt li hemm dawl. Jiena kont hawnhekk fejn wasalt il-ħabiba tiegħi soqt l-hawnhekk u dort għall-A. Caligari li tagħti għal triq Wied il-Għajn issa jien irrid indur lejn in-naħa ta' ħaż-Zabbar, pero għaddejt minn fuq l-l-ispeed bumps osservajt li kien ġej dawl u rajt li hemm preżenza ta' vettura u ipproċedejt biex nieqaf ħa l-istop sign hawnhekk.

Qorti: Speed Bump fejn hemmil-marki il-homor?

Xhud: Iva.

Qorti: Stop sign li qed issemmi fejnha?

Xhud: Nimmarkaħielek, Dik hija line tal-istop sign bil-blu qiegħda in line.

Qorti: Mela inti kont hierga minn hawn u rajt dawl diehel fl-istess triq tieghek jigifieri?

Xhud: Le le kif għaddejt minn fuq l-ispeed bump indunajt li kien ġej dawl mil-lemin u ndunajt li hemm preżenza ta' karozza, jiena waqaf għal fuq,

Qorti: Biex tidhol f`dit0triq min johrog minn naha u jidhol minn ohra?

Xhud: Tidhol minn l-istess naha imma jiena kont qed inżomm max-xellug kif toħroġ għal Stop sign.

Qorti: Jigifieri m`hemmx traffic island jew xi haga fin-nofs?

Xhud: Le speed bump kull mhemm u bażikament ippresedejt għal għall-stop sign waqaft kompletament u rajt il-karozza dieħla b'veloċità għal ġo fijja bil-konsegwenza tad-daqqa, Jiena spiċċajt fil-karreġġjata tax-xellug fi triq Wied il-Ghajn.

Qorti: Jigifieri itni spiccajt fil-main road?

Xhud: Ezatt.

Qorti: U spiccajt hemm ghax dawwruk u resquk.

Xhud: Iva, meta waqaft fuq l-istop sign mumenti wara il-il-karozzi tal-pulizija daħlet dirett għal ġo fija.

Qorti: U mexxietek ghall fuq triq Wied il-Ghajn?

Xhud: Ezatt jiena dort ghall-fuq triq Wied il-Ghajn u dawwruni kif rajt il-karozza tal-pulizija,

Qorti: Fejn hawn ir-ritratt ezebit fejn l-istop eccetra fejn l-istop li semmejt int jekk jogħġbok?

Xhud: Le dan l-iskeċċ ma sarx sew kien  qiegħed minghajr r-road signs għall-affarijiet li kienu debri ma kinitx ma kienx qiegħed f'postu.

Qorti: Halli debris is-signs hziena jiġifieri stop mhux dik l-istop?

Xhud: Le il-karozza tal-pulizija qiegħda iktar lil hawn.

Qorti: L-istop sign l-stop li qed tgħidli tirreferi għaliha int li qed tgħid il-pożizzjoni tal-vetturi mhix korretta?

Xhud: Le Le bħala pożizzjonijiet iwa bħala marki biex l-isketch qieghed mbagħbas milli nista' ngħid jiena għal ritratt li l-

mod kif spiċċaw il-karozzi għax il-karozza tal-pulizija ma ġietx hawnhekk fuq il-O iktar lejn l-istop.

Qorti: Jiġifieri qed tgħidli mma l-konfigurazzjoni tajba jew le?

Xhud: Iva.

Qorti: Il-karozzi qegħdin ħażin imma mmarkati iddelinjati?

Xhud: Jiena imma bħala post tajjeb qegħdin.

Qorti: Il-lokalita tajba imma kif qegħdin il-vetturi mhux korretti kif spiċċaw?

Xhud: Ezatt il-karozza tal-pulizija kienet iktar l-isfel mill-istop kienet iktar lejn triq il-Caligari.

Avu: Sewwa umbaghad x`gara?

Xhud: Umbaghad bazikament haduni kont qeghda b`xokk kbir kont qed inbati minn ħafna anzjetà u ħaduni l-isptar b'ambulanza waqt li kont qiegħda fil-waiting area ta' l-isptar hemmhekk kont qiegħda ma' missieri u kelli konverżazzjoni qasira mal-pulizija li kienet qiegħda bilqiegħda fuq is-seat ta' quddiem waqt il-ħabta llum Il-ġurnata din il-pulizija saret Spettur. Hemmhekk jiena staqsejtha fejn kont waqt li ġrat il-ħabta u qaltli rajtek wieqfa fuq l-stop u għedtlu arhemm u ħbatna u minn

hemm jiena ghajtuli biex nidħol għal biex nara t-tabib. Dan sema` wkoll missieri li kien preżenti fil-kamra Jason Vassallo.

Avu: Sa X'ħin għamilt l-isptar?

Xhud: Għamilt sas-sebgħa ta' filgħodu taħt osservazzjoni minħabba li kien qed ikolli ħafna palpitations

Avu: Issa bħala ħsarat il-ħsarat fejn ikkonstajt fejn ġew fejn sofrejt il-ħsarat inti?

Xhud: Bażikament id-daqqa kienet eżatt ġo ġenbi allura qisu weġġajt din il-partit ta' ġismi, pero li kelli xokk kbir qawwi fuqi.

Avu: U s-surveyor diġà tela' jixhed is-survey ma' kemm tikkonferma wkoll il-karozza issewwiet illum il-ġurnata?

Xhud: Le, waqt il-ħabta ħarġuli l-airbags kollha u l-karozza ma tissewwiex.

AvuL Ok daqsekk thank you.

Qorti: Kontro Ezami.

Pros: M`ghandix.

**<u>Dawn Spiteri,</u>** xehdet hekk

| | |
|---|---|
| Avu; | Ghid il-Qorti x`ser tipprezenta please u kemm haddthom wara? |
| Xhud: | Mela jiena ha nipprezenta 3 ritratti dak in-nhar tal-habta dan ukoll u dan pressa pocho ta xi jumejn wara. |
| Qorti: | Mela DS 1 u DS 2 haddthom wara u DS 3 haddthu xi jumejn wara? |
| Xhud: | Iva ghax jien noqghod hemmekk. |
| Avu: | Xejn iktar sinjura. |
| Qorti: | Imma minuta jiġifieri int ma kontx hemmhekk waqt il-ħabta? |
| Xhud: | Le. |

**<u>Jason Vassallo,</u>** xehed hekk

Avu: Mela ara, Sur Vassallo spjega lill-Qorti kif sirt taf bl-inċident sa meta wasalt u l-isptar?

Xhud: Jiena kont id-dar tiegħi u ċemplet lit-tifla u qaltli li kienet involuta f'ħabta, jiena mbagħad mort lejn fuq il-post sibt lit-tifla hemmhekk hemm f'sitwazzjoni ta' agittazzjoni kbira u mbagħad wara ftit sommarjament morna l-isptar b`emergenza l-isptar.

Avu: Tkellimtu ma' xi ħadd l-isptar?

Xhud: Iva meta konna qegħdin fil-waiting room tal-emerġenza hekk kien hemm 2 pulizija nisa li kienu fil-karozza tal-pulizija meta ġrat il-ħabta wahda kienet bilqiegħda fuq stretcher u l-oħra bilqiegħda ħdejha fuq siġġu u tkellimt magħhom. Tkellimna magħhom meta konna hemmhekk lejn xulxin.

Avu: U x'qalu?

Xhud: Michela it-tifla bdiet issaqsi kienet ghadha konfuża kif ġara eżattament u l-pulizija li kienet bilqiegħda fuq l-istretcher li kienet passiġġiera li ġiet rata quddiem fil-karozza.

Qorti: Fejn taf?

Xhud: Għax hi qaltilna hi l-pulizija li l-pulizija kienet qeghda bilqiegħda quddiem u qaltilna u meta Michela staqsietha eżattament x'ġara għax kienet ghadha konfuża qaltilha inti kont jiena rajt hekk kont wieqfa eżatt fuq l-istop għidtlu arhemm u hbattna u dak is-sinjal u ħabbatna.

Avu: Xejn iktar.

Pros: Meta semmejt il-pulizija li kien hemm prezenti semmejt li kien hemm, kemm kien hemm pulizija nisa?

Xhud: Tnejn, 2 kienu l-isptar issa jekk kienux 2 biss pulizija nisa fil-karozza ma nistax ngħidlek naf li x-xufier kien raġel u 2 nisa.

Qorti: Fejn taf fejn taf li x-xufier kien ragel?

Xhud: Ghax rajtu kien fuq il-post u wara li x-xufier tal-karozza tal-pulizija kien kien raġel issa jekk il-pulizija li ma kienitx bilqiegħda ġiet mill-għassa jew kienet fil-karozza ma nafx ngħid naf li l-pulizija li kienet bilqiegħda fuq l-istreċer kienet passiġġiera qaltilna li kienet il-passiġġiera bilqiegħda quddiem fil-karozza tal-pulizija u dak huwa żgur.

**Ikkunsidrat**

Hemm kunflitt serju ta’ provi rigwardanti kif sehh dan l-incident. Hemm verzjoni fejn l-imputata waqfet fuq l-Istop sign u s-sewwieq tal- Vettura GVP764 baqa diehel go fiha. Il-versjoni l-ohra hi li l-impuata baqghet hierga minn fuq l-istop sign u imblukkat t-triq tal-vettura GVP 764. Dan il-kunflitt ta’ provi ifisser li l-Qorti m’ghandhiex ic-certezza ta’ “beyond a reasonable doubt” sabiex issib li l-imputata kienet responsabbli tal-incident. F’dawn ic-cirkostanzi ma gewx ippruvati l-imputazzjonijiet fil-livel rikjest.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi wara li Rat Artikolu 226(1)(b) tal-Kap 9 L.S. 65.05 Art 2(11E(a)(2)) u L.S. 65.18 Art 36B U fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta’ Malta ma ssibx lil Michela Vassallo hatja tal-imputazzjonji fil-konfront taghha u tillibera minn kull htija u piena

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**